SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

11 ta' Settembru 2007 *

Fil-Kawża C-76/05,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Finanzgericht Köln (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Jannar 2005, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Frar 2005, fil-proċedura

Herbert Schwarz,

Marga Gootjes-Schwarz

vs

Finanzamt Bergisch Gladbach,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

komposta minn V. Skouris, President, P. Jann, C. W. A. Timmermans, A. Rosas (Relatur) u K. Lenaerts, Presidenti ta' l-Awla, J. N. Cunha Rodrigues, R. Silva de Lapuerta, K. Schiemann, J. Makarczyk, G. Arestis, A. Borg Barthet, M. Ilešič u J. Malenovský, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: C. Stix-Hackl,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' Mejju 2006,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Herbert Schwarz u Marga Gootjes-Schwarz, minn W. Meilicke, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u U. Forsthoff, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn K. Gross u R. Lyal, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-21 ta' Settembru 2006,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 8a(1), 48, 52 u 59 tat-Trattat KE (li, wara emenda, saru l-Artikoli 18(1) KE, 39 KE, 43 KE u 49 KE rispettivament).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża mressqa minn Herbert Schwarz u Marga Gootjes-Schwarz (aktar 'il quddiem il-"konjuġi Schwarz"), ċittadini Ġermaniżi residenti fil-Ġermanja, kontra l-Finanzamt Bergish Gladbach (aktar 'il quddiem il-"Finanzamt") dwar iċ-ċaħda ta' dan ta' l-aħħar li jirrikonoxxi tnaqqis fiskali fir-rigward tal-miżati ta' l-iskola mħallsa għat-tfal tagħhom li jattendu skejjel stabbiliti fi Stati Membri oħra minħabba li l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar it-taxxa fuq id-dħul tirriżerva l-għoti ta' dan it-tnaqqis għall-persuni taxxabbli li jkunu ħallsu miżati ta' l-iskola lil ċerti skejjel privati Ġermaniżi.

Il-kuntest ġuridiku nazzjonali

3 L-Artikolu 7(4) tal-Liġi Fundamentali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tat-23 ta' Mejju 1949 (Grundgesetz für die Bundesrepublik Deutschland, aktar 'il quddiem il-"Liġi Fundamentali") jipprovdi li:

"Id-dritt li jitwaqqfu skejjel privati huwa ggarantit. L-iskejjel privati, meta dawn jipprovdu alternattiva għall-iskejjel pubbliċi, jeħtieġu l-awtorizzazzjoni ta' l-Istat u huma suġġetti għal-liġijiet tal-Länder. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata meta l-iskejjel privati ma jkunux inferjuri għall-iskejjel pubbliċi fir-rigward tal-programmi ta' edukazzjoni u s-sistemi ta' organizzazzjoni, kif ukoll tal-formazzjoni xjentifika ta' l-għalliema, u meta ma jiffavorixxux separazzjoni ta' l-istudenti abbażi tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-ġenituri. L-awtorizzazzjoni għandha tiġi miċħuda meta l-pożizzjoni ġuridika u ekonomika ta' l-għalliema ma tkunx żgurata b'mod suffiċjenti."

4 Il-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) tal-Liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul, fil-verżjoni applikabbli fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali (Einkommensteuergesetz, BGBl. 1997 I, p. 821, aktar 'il quddiem l-"EStG") jipprovdi li:

"L-ispejjeż li ġejjin huma spejjeż speċjali ['Sonderausgaben'] [li jagħtu lok għal tnaqqis għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul], sakemm ma jkunux spejjeż ta' l-operat jew spejjeż professjonali:

1. [...]

9. it-30 % ta' l-ispejjeż imħallsa minn persuna taxxabbli sabiex il-wild tagħha, li fir-rigward tiegħu bbenefikat minn eżenzjoni għal wild dipendenti jew minn *allowance* għat-tfal, ikun jista' jattendi skola privata alternattiva ekwivalenti għal skola statali awtorizzata mill-Istat jew mil-leġiżlazzjoni tal-Land, skond l-Artikolu 7(4) tal-Grundgesetz, kif ukoll skola komplimentari ta' formazzjoni ġenerali rikonoxxuta mil-leġiżlazzjoni tal-Land, minbarra l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni, ikel u assistenza."

5 Barra minn hekk, skond l-Artikolu 33(1) ta' l-EStG, il-persuna taxxabbli tista', fuq talba tagħha, tibbenefika minn tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul jekk hija jkollha spejjeż akbar minn dawk li jkollhom il-parti l-kbira tal-persuni taxxabbli li jkollhom dħul ekwivalenti u li jkunu jinsabu f'sitazzjoni finanzjarja u familjari ekwivalenti.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

6 Fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, il-konjuġi Schwarz kienu jgħixu fil-Ġermanja u kienu suġġetti għal tassazzjoni fuq id-dħul konġunta f'dak il-pajjiż. Skondhom, it-tlett itfal tagħhom kienu jeħtieġu edukazzjoni speċjali. Għalhekk huma rreġistraw tnejn minnhom, imwielda fl-1981 u fl-1986, fi skola stabbilita fl-Iskozja li

tispeċjalizza fl-edukazzjoni ta' tfal b'kapaċitajiet eċċezzjonali: il-Cademuir International School (aktar 'il quddiem il-"Cademuir School"), li lilha ħallsu miżati ta' l-iskola matul is-snin 1998 u 1999.

7 Peress li inizjalment il-konjuġi Schwarz ma ppreżentawx id-dikjarazzjonijiet taddħul tagħhom għal dawn is-snin, il-bażi taxxabbli ġiet stmata *ex officio* millawtoritajiet kompetenti. Huma ppreżentaw oppożizzjoni, quddiem il-Finanzamt, kontra l-avviżi ta' stima li nħarġu fil-konfront tagħhom.

8 Fid-dikjarazzjonijiet ta' dħul prodotti fil-kuntest ta' din l-oppożizzjoni, il-konjuġi Schwarz, prinċipalment, indikaw bħala spejjeż straordinarji taħt l-Artikolu 33(1) ta' l-EStG diversi somom li jikkorrispondu, għas-snin 1998 u 1999, għall-miżati ta' l-iskola mħallsa lill-iskejjel privati fejn jattendu t-tfal tagħhom kif ukoll l-ispejjeż ta' kura medika fi sptar għal wieħed mit-tfal tagħhom.

9 Il-qorti tar-rinviju tindika li l-konjuġi Schwarz ma ppreċiżawx liema parti minn dawn is-somom kienet tħallset bħala miżati ta' l-iskola, minbarra l-ispejjeż ta' l-akkomodazzjoni, ta' assistenza jew ta' l-ikel, iżda tindika li din il-parti tammonta għal inqas DEM 10 000 fis-sena.

10 Fil-kuntest tal-proċedura ta' oppożizzjoni, il-Finanzamt ħareġ, fit-13 ta' Settembru 2001, avviżi ta' stima rettifikati fejn irrikonoxxa l-bażi taxxabbli ddikjarata millkonjuġi Schwarz, minbarra l-ispejjeż straordinarji li huma kienu invokaw. Minħabba li l-konjuġi baqgħu jsostnu l-oppożizzjoni tagħhom, il-Finanzamt ċaħadha bħala infondata b'deċiżjoni tas-6 ta' Diċembru 2001. Il-konjuġi Schwarz ressqu rikors quddiem il-Finanzgericht Köln kontra din id-deċiżjoni.

11 Permezz tar-rikors tagħhom, il-konjuġi Schwarz qegħdin jitolbu, prinċipalment, li jsir tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul li għaliha huma kienu suġġetti għas-snin 1998 u 1999 billi jittieħdu in kunsiderazzjoni l-ispejjeż straordinarji tagħhom skond l-Artikolu 33(1) ta' l-EStG. Sussidjarjament, huma qegħdin jitolbu li jingħataw tnaqqis fir-rigward ta' l-ispejjeż speċjali abbażi tal-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG.

12 Il-qorti tar-rinviju tiċħad, l-ewwel nett, it-talba sabiex jittieħdu in kunsiderazzjoni s-somom li l-konjuġi Schwarz invokaw bħala spejjeż eċċezzjonali taħt l-Artikolu 33(1) ta' l-EStG.

13 It-tieni nett, dik il-qorti tippreċiża li l-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG japplika biss fil-każ ta' attendenza f'ċerti skejjel stabbiliti fit-territorju Ġermaniż u li, għaldaqstant, il-miżati ta' l-iskola mħallsa lil skejjel stabbiliti fi Stat Membru ieħor ma jistgħux jittieħdu in kunsiderazzjoni bħala spejjeż speċjali li huma intitolati għall-benefiċċju ta' tnaqqis fiskali. Hija għandha dubji dwar il-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tal-limitazzjoni tat-tnaqqis previst fil-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG għall-miżati mħallsa lil ċerti skejjel stabbiliti fil-Ġermanja.

14 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Finanzgericht Köln iddeċieda li jissospendi l-proċedimenti quddiemu u li jagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Il-fatt li, skond il-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-[EStG], fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fl-1998 u fl-1999, il-miżati ta' l-iskola mħallsa lil skejjel determinati Ġermaniżi, iżda mhux dawk imħallsa lil skejjel li jinsabu fil-bqija tat-territorju tal-Komunità [Ewropea], jistgħu jiġu kkunsidrati bħala spejjeż speċjali għall-finijiet ta' tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul, huwa kuntrarju għall-Artikolu 8a [...] (libertà ta' moviment [ta'

ċittadini ta' l-Unjoni]), l-Artikolu 48 [...] (moviment liberu tal-ħaddiema), l-Artikolu 52 [...](libertà ta' stabbiliment) jew l-Artikolu 59 [tat-Trattat KE] (libertà li jiġu pprovduti servizzi)?"

Fuq id-domanda preliminari

15 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 8a(1), 48, 52 u 59 tat-Trattat KE jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi l-possibbiltà għall-persuni taxxabbli li jinvokaw, bħala spejjeż speċjali li jagħtu d-dritt għal tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul, il-miżati ta' l-iskola mħallsa lil ċerti skejjel privati stabbiliti fit-territorju nazzjonali iżda teskludi b'mod ġenerali din il-possibbiltà fir-rigward ta' miżati ta' l-iskola mħallsa lil skola privata stabbilita fi Stat Membru ieħor.

16 Preliminarjament, għandu jiġi preċiżat li, safejn il-fatti li wasslu għall-kwistjoni fil-kawża prinċipali jmorru lura għas-snin 1998 u 1999, id-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini ta' l-Unjoni, dwar il-libertà ta' stabbiliment, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema u dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jirriżultaw minn verżjonijiet differenti tat-Trattat KE skond jekk is-sitwazzjoni ġuridika in kwistjoni fil-kawża prinċipali tirriżultax qabel jew wara l-1 ta' Mejju 1999, id-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam (Artikoli 8a(1), 48, 52 u 59 tat-Trattat KE fir-rigward tas-sitwazzjoni ġuridika qabel l-1 ta' Mejju 1999; l-Artikoli 18(1) KE, 39 KE, 43 KE u 49 KE fir-rigward tas-sitwazzjoni ġuridika wara din id-data).

17 Madankollu, safejn, kif tosserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 16 tal-konklużjonijiet tagħha, il-kontenut ta' l-artikoli kkonċernati ma ġiex sostanzjalment emendat mit-Trattat ta' Amsterdam, id-dispożizzjonijiet rilevanti sejrin jiġu identifikati skond in-numerazzjoni fis-seħħ wara l-1 ta' Mejju 1999.

Fuq id-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat KE

Osservazzjonijiet ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja

18 Matul is-seduta, il-konjuġi Schwarz sostnew, l-ewwel nett, li, fir-rigward ta' l-Artikoli 18 KE, 39 KE u 43 KE, huma jaqblu mal-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza tal-lum, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-318/05, Ġabra p. I-6957), fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw għal leġiżlazzjoni bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali.

19 Huma jsostnu, it-tieni nett, li l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi japplika għas-sitwazzjoni li wasslet għall-kwistjoni fil-kawża prinċipali peress li, minn naħa, l-offerti ta' taħriġ minn skejjel privati stabbiliti fi Stat Membru ieħor li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom lil tfal ta' persuni taxxabbli fil-Ġermanja huma ostakolati minn leġiżlazzjoni bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali u, min-naħa l-oħra, din il-leġiżlazzjoni tiskoraġġixxi lill-persuni taxxabbli fil-Ġermanja li jixtiequ jirreġistraw it-tfal tagħhom fi skola privata bħal din milli jagħmlu hekk.

20 Il-konjuġi Schwarz jargumentaw li l-iskejjel privati stabbiliti fi Stat Membru ieħor, bħalma hija l-Cademuir School, jeżerċitaw attività ta' fornitur ta' servizzi bi ħlas u li ma jistax jiġi eskluż li l-iskejjel Ġermaniżi ssussidjati taħt il-punt 9 ta' l-Artikolu 10 (1) ta' l-EStG jikkwalifikaw bħala fornituri ta' servizzi. Skondhom, fil-fatt, is-somom imħallsa fir-realtà lill-imsemmija skejjel Ġermaniżi mill-ġenituri, li jgawdu mit-tnaqqis fiskali għal 30 % tal-miżati ta' l-iskola limitati għall-parti mill-miżata marbuta mat-taħriġ proprju, jistgħu jkunu aktar minn dawk imħallsa lil skola li tinsab fi Stat Membru ieħor, bħalma hija l-Cademuir School.

21 Il-Gvern Ġermaniż isostni, l-ewwel nett, li l-Artikoli 18 KE, 39 KE u 43 KE ma japplikawx għal sitwazzjoni bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali.

22 It-tieni nett, huwa jsostni li l-attività ta' edukazzjoni eżerċitata mill-Cademuir School ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 49 KE. Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tassumi l-eżistenza ta' attività ekonomika, kif jirriżulta mill-espressjoni "servizzi normalment mogħtija bi ħlas" li tinsab fl-Artikolu 50 KE.

23 Issa, skond il-Gvern Ġermaniż, skola ma teżerċitax attività ekonomika. L-attivitajiet eżerċitati minn stabbilimenti ta' edukazzjoni ma jkunux normalment mogħtija bi ħlas u mhumiex servizzi fis-sens ta' l-Artikolu 50 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, Humbel u Edel, 263/86, Ġabra p. 5365, punt 18).

24 Skond l-istess gvern, anki jekk il-korsijiet mogħtija minn stabbilimenti ta' edukazzjoni superjuri li huma essenzjalment iffinanzjati minn fondi privati jitqiesu bħala servizzi fis-sens ta' l-Artikolu 50 KE (sentenza tas-7 ta' Diċembru 1993, Wirth, C-109/92, Ġabra p. I-6447, punt 17), in-natura privata tal-Cademuir School, fiha nfisha, ma tfissirx li din l-iskola teżerċita attività ekonomika. Il-fatt li l-ġenituri jħallsu miżati ta' l-iskola lanqas ma jista' jwassal għal din il-konklużjoni. Fil-fatt, il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet jew ta' miżati ta' l-iskola sabiex jiġu koperti, sa ċertu punt, l-ispejjeż ta' l-operat tas-sistema ta' edukazzjoni nazzjonali m'għandu l-ebda konsegwenza fuq il-kwalifika ta' l-attività eżerċitata bħala provvista ta' servizzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati aktar 'il fuq Humbel u Edel, punt 19, u Wirth, punt 15). Barra minn hekk, il-Gvern Ġermaniż josserva li d-deċiżjoni tar-rinviju ma tindikax jekk il-Cademuir School hijiex esklużivament jew essenzjalment iffinanzjata minn fondi privati (per eżempju bil-kontribuzzjonijiet tal-ġenituri) jew jekk hijiex stabbiliment li l-għan tiegħu huwa li jagħmel qligħ.

25 Il-Kummissjoni hija tal-fehma, bħall-Gvern Ġermaniż, li l-eżistenza ta' ostaklu għall-moviment liberu tal-ħaddiema previst fl-Artikolu 39 KE jew għal-libertà ta' stabbiliment prevista fl-Artikolu 43 KE hija eskluża fil-kawża prinċipali.

26 Il-Kummissjoni ssostni, prinċipalment, li l-Artikolu 49 KE huwa applikabbli u li dan l-aritkolu jipprekludi leġiżlazzjoni bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali.

27 F'dan ir-rigward, fil-kawża prinċipali japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi msejħa libertà "passiva" fejn id-destinatarji tas-servizz, jiġifieri t-tfal tal-konjuġi Schwarz, jfittxu fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor, f'dan il-każ l-iskola privata li tinsab f'dan l-Istat Membru ieħor.

28 Skond il-Kummissjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' minuri jistgħu jikkostitwixxu servizzi. Mis-sentenza Humbel u Edel, kif ukoll mis-sentenza, Wirth jirriżulta li l-karatteristika essenzjali ta' servizzi ta' tagħlim mogħtija bi ħlas huwa l-pagament, mill-istudent jew minn persuna oħra, ta' miżati li jikkorrispondu, ftit jew wisq, man-nefqa ekonomika tat-tagħlim. F'każ bħal dan, l-offerta tas-servizz ta' tagħlim tikkostitwixxi attività ekonomika.

29 Għall-kuntrarju, skond il-Kummissjoni, ma jkunx hemm servizz mogħti bi ħlas fil-każ ta' edukazzjoni pubblika li permezz tagħha l-Istat iwettaq il-missjoni tiegħu fl-oqsma soċjali, kulturali u edukattivi u li l-ispejjeż tagħha jkunu koperti fil-parti l-kbira tagħhom mill-Istat stess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Wirth, iċċitata aktar 'il fuq, punti 15 u 16). Il-fatt li l-istudent jieħu sehem, jekk ikun il-każ, fil-finanzjament ta' l-edukazzjoni pubblika billi jħallas miżata ta' reġistrazzjoni mhuwiex biżżejjed sabiex din l-edukazzjoni tiġi kklassifikata bħala servizz mogħti bi ħlas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Humbel u Edel, iċċitata aktar 'il fuq, punt 19).

30 Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-applikabbiltà tal-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi għal fatti bħal dawk fil-kawża prinċipali ma tistax tiġi kkontestata peress li l-evalwazzjoni tan-natura oneruża tas-servizzi ma tistax tkun ibbażata esklużivament fuq eżami tas-sitwazzjoni ta' l-iskejjel privati ffavorizzati mis-sistema Ġermaniża. Għall-kuntrarju, skondha, din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq eżami tas-sitwazzjoni ta' l-iskejjel privati stabbiliti fi Stat Membru ieħor li huma esklużi mill-vantaġġ fiskali previst mill-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG.

31 Issa, peress li f'ċerti Stati Membri jeżistu skejjel privati li jipprovdu għall-bżonnijiet tagħhom mingħajr ebda għajnuna mill-Istat u huma ġestiti bħala impriżi bi skop li jagħmlu qligħ, leġiżlazzjoni ta' Stat Membru bħad-dispożizzjoni li tinsab fil-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EstG, li teskludi b'mod ġenerali l-ammonti mħallsa lill-iskejjel stabbiliti fi Stat Membru ieħor mill-vantaġġ fiskali li hija tipprevedi, hija ta' natura li tostakola l-offerta transfruntaliera ta' servizzi minn dawn l-iskejjel privati li għandhom l-iskop li jagħmlu qligħ u li huma stabbiliti fi Stat Membru ieħor.

32 Sussidjarjament, fl-eventwalità li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma japplikax fil-kawża prinċipali, il-Kummissjoni ssostni li d-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 12 KE u ta' l-Artikolu 18(1) KE, ikkunsidrati flimkien, huma applikabbli u jipprekludu leġiżlazzjoni bħal din.

Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

33 Fl-ewwel lok, sabiex jiġi ddeterminat liema dispożizzjonijiet tat-Trattat KE japplikaw għal fatti bħal dawk fil-kawża prinċipali, għandu jiġi indikat, kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 25 tal-Konklużjonijiet tagħha, li mhuwiex meħtieġ li dawn il-fatti jiġu eżaminati fid-dawl ta' l-Artikoli 39 KE u 43 KE. Fil-fatt, ġenituri li, bħall-konjuġi Schwarz, huma suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul fi Stat Membru u li jibagħtu lit-tfal tagħhom sabiex jirċievu tagħlim fi skola privata stabbilita fi Stat Membru ieħor, filwaqt li huma ma jkunux impjegati jew ma jeżerċitawx huma stess xi attività

ekonomika f'dan l-Istat ta' l-aħħar, ma jeżerċitawx, b'hekk, id-dritt tagħhom li jeżerċitaw impjieg fi Stat Membru ieħor u lanqas id-dritt tagħhom li jistabbilixxu ruħhom hemmhekk bħala ħaddiema li jaħdmu għal rashom, b'tali mod li l-Artikoli 39 KE u 43 KE ma japplikawx għas-sitwazzjoni tagħhom.

34 Fit-tieni lok, għandu jiġi mfakkar li d-dispożizzjonijiet li jassiguraw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi huma espressjoni speċifika ta' l-Artikolu 18 KE, li jistabbilixxi b'mod ġenerali d-dritt, għal kull ċittadin ta' l-Unjoni, li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri (sentenzi tas-6 ta' Frar 2003, Stylianakis, C-92/01, Ġabra p. I-1291, punt 18, u tal-11 ta' Jannar 2007, ITC, C-208/05, Ġabra p. I-181, punt 64). Għaldaqstant, jekk il-kawża prinċipali taqa' taħt l-Artikolu 49 KE ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 18 KE (ara s-sentenzi ċċitati aktar 'il fuq Stylianakis, punt 20, u ITC, punt 65).

35 Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li tingħata deċiżjoni dwar l-Artikolu 18(1) KE ħlief safejn il-kawża prinċipali ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 49 KE.

36 F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar, qabel kollox, li, għalkemm it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 50 KE jsemmi biss il-libertà attiva li jiġu pprovduti servizzi fejn il-fornitur tas-servizz jiċċaqlaq lejn id-destinatarju tas-servizz, minn ġurisprudenza stabbilita sew jirriżulta li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi tinkludi l-libertà tad-destinatarju tas-servizz li jmur fi Stat Membru ieħor fejn jinstab il-fornitur sabiex jibbenefika minn dawn is-servizzi f'dak l-Istat Membru (ara s-sentenza tal-31 ta' Jannar 1984, Luisi u Carbone, 286/82 u 26/83, Ġabra p. 377, punti 10 u 16). Il-kwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna r-rifjut li jingħata tnaqqis fiskali minħabba li l-iskola privata li fiha jattendu t-tfal tal-persuni kkonċernati hija stabbilita fi Stat Membru ieħor u, għaldaqstant, il-possibbiltà li jiġu aċċettati offerti ta' tagħlim mogħtija minn skola bħal din.

37 Madankollu, għandu jiġi eżaminat jekk is-suġġett ta' dawn l-offerti ta' tagħlim huwiex il-provvista ta' servizzi. Għal dan il-għan għandu jiġi ddeterminat jekk il-korsijiet mogħtija minn skola bħalma hija l-Cademuir School jikkostitwixxux, fis-sens ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 50 KE, "servizzi normalment mogħtija bi ħlas".

38 Diġà ġie deċiż li, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni ta' l-aħħar, il-karatteristika essenzjali tal-ħlas hija li dan il-ħlas jikkostitwixxi l-korrispettiv ekonomiku tas-servizz in kwistjoni (ara s-sentenzi Humbel u Edel, iċċitata aktar 'il fuq, punt 17; tat-12 ta' Lulju 2001, Smits u Peerbooms, C-157/99, Ġabra p. I-5473, punt 58; tat-3 ta' Ottubru 2002, Danner, C-136/00, Ġabra p. I-8147, punt 26; tat-22 ta' Mejju 2003, Freskot, C-355/00, Ġabra p. I-5263, punt 55, kif ukoll tas-26 ta' Ġunju 2003, Skandia u Ramstedt, C-422/01, Ġabra p. I-6817, punt 23).

39 B'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet mill-kunċett ta' servizzi fis-sens ta' l-Artikolu 50 KE l-korsijiet mogħtija minn ċerti stabbilimenti li kienu jagħmlu parti minn sistema ta' edukazzjoni pubblika u li kienu ffinanzjati, kompletament jew prinċipalment, minn fondi pubbliċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati aktar 'il fuq Humbel u Edel, punti 17 u 18, kif ukoll Wirth, punti 15 sa 16). B'dan il-mod il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, billi jistabbilixxi u billi jżomm sistema ta' edukazzjoni pubblika bħal din, iffinanzjata bħala regola ġenerali mill-baġit pubbliku u mhux mill-istudenti jew mill-ġenituri tiegħu, l-intenzjoni ta' l-Istat ma tkunx li jeżerċita attivitajiet bi ħlas iżda li jissodisfa l-missjoni tiegħu fl-oqsma soċjali, kulturali u edukattivi fil-konfront taċ-ċittadini tiegħu.

40 Mill-banda l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-korsijiet mogħtija minn stabbilimenti ta' edukazzjoni ffinanzjati, essenzjalment, minn fondi privati, b'mod partikolari mill-istudenti u l-ġenituri tagħhom, jikkostitwixxu servizzi fis-sens ta' l-Artikolu 50 KE peress li l-għan ta' dawn l-istabbilimenti huwa, fil-fatt, li joffru servizz bi ħlas (sentenza Wirth, iċċitata aktar 'il fuq, punt 17).

41 F'dan il-kuntest għandu jiġi ppreċiżat li mhuwiex meħtieġ li dan il-finanzjament privat ikun assigurat prinċipalment mill-istudenti jew mill-ġenituri tagħhom. Fil-fatt, skond ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 50 KE ma jeżiġix li s-servizz jitħallas minn dawk li jibbenefikaw minnu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' April 1988, Bond van Adverteerders *et*, 352/85, Ġabra p. 2085, punt 16; tal-11 ta' April 2000, Deliège, C-51/96 u C-191/97, Ġabra p. I-2549, punt 56; Smits u Peerbooms, iċċitata aktar 'il fuq, punt 57, kif ukoll Skandia u Ramstedt, iċċitata aktar 'il fuq, punt 24).

42 Mill-indizji mogħtija mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-miżati ta' l-iskola mħallsa mill-konjuġi Schwarz lill-Cademuir School għaż-żewġt itfal tagħhom ġew stmati, waħedhom, għal mill-anqas DEM 10 000 fis-sena. Skond il-Gvern Ġermaniż, dan l-ammont huwa nettament superjuri għal dak mitlub mill-iskejjel privati stabbiliti fil-Ġermanja li jibbenefikaw mill-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG.

43 Peress li d-deċiżjoni tar-rinviju ma pprovdiet ebda informazzjoni preċiża dwar il-finanzjament u l-funzjonament tal-Cademuir School, hija, f'kull każ, il-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk din l-iskola hijiex iffinanzjata essenzjalment minn fondi privati.

44 Għandu jingħad ukoll li, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 49 KE japplikax għal fatti bħal dawk in kwistjoni fil-kawża prinċipali, hija irrilevanti l-kwistjoni jekk l-iskejjel stabbiliti fl-Istat Membru tad-destinatarju tas-servizz — f'dan il-każ, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja — li huma approvati, awtorizzati jew rikonoxxuti minn dan l-Istat fis-sens tal-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG, jipprovdux jew le servizzi fis-sens ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 50 KE. L-uniku fatt rilevanti huwa li l-iskola privata stabbilita fi Stat Membru ieħor tkun tista' tiġi kkunsidrata bħala li tipprovdi servizzi bi ħlas.

45 Fil-fatt, fis-sentenza tas-16 ta' Mejju 2006, Watts (C-372/04, Ġabra p. I-4325, punt 90), li tikkonċerna prestazzjonijiet mediċi, li jikkostitwixxu prestazzjonijiet ta'

servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 49 KE japplika għas-sitwazzjoni ta' pazjent residenti fir-Renju Unit li l-istat tas-saħħa tiegħu jeħtieġ kura fi sptar u li, wara li mar fi Stat Membru ieħor sabiex jirċievi, bi ħlas, il-kura meħtieġa hemmhekk, talab rimborż ta' dawn l-ispejjeż mis-servizz tas-saħħa nazzjonali, minkejja li prestazzjonijiet ta' natura identika kienu mogħtija mingħajr ħlas mis-sistema tas-saħħa nazzjonali tar-Renju Unit.

46 Fil-punt 91 ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, mingħajr ma jkun meħtieġ, f'dak il-każ, li jiġi ddeterminat jekk il-prestazzjonijiet ta' kura mogħtija fi sptarijiet fil-kuntest ta' servizz nazzjonali tas-saħħa, bħal dak in kwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza msemmija, jikkostitwixxux fihom infushom servizzi fis-sens tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, kellu jiġi kkunsidrat li sitwazzjoni, bħal dik li fuqha kienet ibbażata l-kawża prinċipali, fejn persuna li l-istat ta' saħħa tagħha jeħtieġ kura fi sptar tmur fi Stat Membru ieħor u, bi ħlas, tirċievi l-kura in kwistjoni, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-imsemmija dispożizzjonijiet.

47 Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 49 KE japplika għal fatti bħal dawk fil-kawża prinċipali fejn persuni taxxabbli fi Stat Membru jikkunsidraw li jibagħtu lit-tfal tagħhom fi skola privata stabbilita fi Stat Membru ieħor li tista' titqies bħala fornitur ta' servizzi bi ħlas, jiġifieri skola li hija ffinanzjata essenzjalment minn fondi privati, kwistjoni din li għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali.

Fuq l-eżistenza ta' ostaklu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi

— Osservazzjonijiet ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja

48 Skond il-konjuġi Schwarz, leġiżlazzjoni bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali tmur kontra l-Artikolu 49 KE u mhijiex ġustifikata.

49 Il-Gvern Ġermaniż jikkunsidra li eventwali ostaklu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi hija ġġustifikata f'dan il-każ.

50 Huwa jsostni, fl-ewwel lok, li mill-Artikolu 49 KE ma jirriżultax obbligu għal Stat Membru li jsostni, permezz ta' vantaġġ fiskali mogħti fil-konfront ta' miżati ta' l-iskola, stabbilimenti ta' l-edukazzjoni li jagħmlu parti mis-sistema edukattiva ta' Stat Membru ieħor. Li kieku r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kellha tippermetti t-tnaqqis tal-miżati ta' l-iskola mħallsa lil stabbilimenti li jinsabu barra mit-territorju tagħha, hija tkun qiegħda indirettament tagħti lil dawn l-iskejjel l-istess għajnuna bħal dik mogħtija lill-iskejjel privati Ġermaniżi u dan ikun kontra t-tqassim ta' kompetenzi previst mit-Trattat KE. L-Artikolu 149 KE jipprovdi, fil-fatt, li l-Komunità għandha taġixxi fil-qasam ta' l-edukazzjoni filwaqt li tirrispetta r-responsabbiltà ta' l-Istati Membri għal dak li huwa l-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni tas-sistema edukattiva kif ukoll id-diversità kulturali u lingwistika tagħhom.

51 F'dan ir-rigward il-Gvern Ġermaniż isostni li, peress li l-politika ta' l-edukazzjoni tagħmel parti mill-funzjonijiet essenzjali ta' kull Stat u peress li l-istruttura tagħhom tvarja konsiderevolment minn Stat Membru għall-ieħor minħabba tradizzjonijiet storiċi u kulturali, il-possibbiltà ta' kontroll u ta' finanzjament mill-Istat f'dan il-qasam hija essenzjali. Il-Liġi Fundamentali, fl-Artikolu 7 tagħha, tistabbilixxi l-prinċipji bażiċi dwar it-tagħlim li, barra minn hekk, jaqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Länder. Din id-dispożizzjoni, li tistabbilixxi sistema obbligatorja dwar l-iskejjel privati, tiggarantixxi d-dritt li jitwaqqfu skejjel bħal dawn u tippermetti, għaldaqstant, l-eżistenza ta' sistema edukattiva duwalista li toffri libertà ta' għażla.

52 Skond dan l-istess gvern, minħabba li l-Istat Ġermaniż ma jeżerċita ebda influwenza fuq l-organizzazzjoni tal-Cademuir School, b'mod partikolari fuq il-programmi ta' tagħlim, huwa lanqas ma jista' jkun obbligat li jissussidja l-funzjonament ta' din l-iskola billi jirrinunzja dħul fiskali dovut lilu.

53 Fit-tieni lok, il-Gvern Ġermaniż isostni li r-rifjut li l-vantaġġ fiskali in kwistjoni fil-kawża prinċipali jiġi estiż għall-miżati ta' l-iskola mħallsa lill-iskejjel privati stabbiliti fi Stat Membru ieħor huwa ġustifikat mill-fatt li l-iskejjel Ġermaniżi msemmija fil-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG u l-iskejjel privati stabbiliti fi Stat Membru ieħor, bħalma hija l-Cademuir School, mhumiex f'sitwazzjoni oġġettivament komparabbli.

54 Skond dan l-istess gvern, il-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG jistabbilixxi għajnuna mill-Istat indiretta favur ċerti skejjel privati li għandhom obbligi partikolari. Dawn huma l-iskejjel privati alternattivi approvati bħala ekwivalenti mill-Istat, l-iskejjel awtorizzati mil-leġiżlazzjoni tal-Land u l-iskejjel komplimentari ta' formazzjoni ġenerali rikonoxxuti mil-leġiżlazzjoni tal-land.

55 Bħala tpattija għar-rekwiżiti kwalitattivi u finanzjarji għolja ħafna li huma imposti fuq l-iskejjel alternattivi approvati taħt l-Artikolu 7(4) tal-Liġi Fundamentali, id-dritt kostituzzjonali Ġermaniż jipprevedi obbligi korrispondenti ta' finanzjament pubbliku. Skond il-Gvern Ġermaniż, l-Istat għandu marġni ta' diskrezzjoni fit-twettiq ta' l-obbligu tiegħu li jgħin lill-iskejjel privati alternattivi skond din id-dispożizzjoni. Il-parti l-kbira ta' din l-għajnuna tingħata permezz ta' sussidji diretti. L-iskejjel privati jirċievu b'dan il-mod madwar 80 % ta' l-ammont mogħti lil skola pubblika komparabbli. Il-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EstG jimplementa fil-prattika dan l-obbligu kostituzzjonali ta' għajnuna u jsostni indirettament lill-iskejjel approvati permezz ta' vantaġġi fiskali mogħtija fir-rigward tal-miżati ta' l-iskola.

56 L-istess jista' jingħad għall-iskejjel awtorizzati mil-leġiżlazzjoni tal-Land jew għall-iskejjel komplimentari ta' formazzjoni ġenerali rikonoxxuti mill-istess leġiżlazzjoni. Skond il-Gvern Ġermaniż huwa veru li r-rekwiżiti speċifiċi imposti mil-Liġi Fundamentali ma japplikawx għal dawn l-iskejjel u ma jistax jiġi dedott obbligu ta' finanzjament minnha. Madankollu, fil-prattika l-awtorizzazzjoni tal-Land jew ir-rikonoxximent mil-leġiżlazzjoni tal-Land iqiegħdu dawn l-iskejjel fl-istess sitwaz-

zjoni ġuridika bħall-iskejjel approvati. Minħabba l-obbligi li jirriżultaw minn tali awtorizzazzjoni jew rikonoxximent, jeżisti wkoll obbligu ta' għajnuna mill-Istat fil-konfront ta' dawn l-iskejjel, anki jekk dan l-obbligu jirriżulta biss minn sempliċi liġi.

57 Skond il-Gvern Ġermaniż, fil-każ tal-Cademuir School ma teżistix rabta bħal din bejn ir-rekwiżiti imposti mill-Istat, fuq naħa, u l-għajnuna pubblika korrispondenti, fuq in-naħa l-oħra. Stabbiliment bħall-Cademuir School mhuwiex suġġett, b'mod partikolari, għall-obbligu li jevita distinzjoni bejn l-istudenti abbażi tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-ġenituri li jimplika l-ħlas ta' miżati ta' l-iskola li bilfors ikunu insuffiċjenti sabiex ikopru l-ispejjeż. B'dan il-mod ma jibqax preżenti element determinanti ta' l-obbligu li għandhom l-iskejjel imsemmija fil-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG u li jiġġustifika l-assistenza mogħtija mill-Istat lil dawn ta' l-aħħar.

58 Fl-aħħar lok, skond l-imsemmi gvern, l-estensjoni tal-vantaġġ fiskali għall-miżati ta' l-iskola mħallsa lill-Cademuir School mhux biss tmur kontra r-rekwiżit li jinsab fit-tielet sentenza ta' l-Artikolu 7(4) tal-Liġi Fundamentali intiż sabiex tiġi evitata distinzjoni bejn l-istudenti abbażi tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-ġenituri, iżda tista' twassal ukoll għal żieda netta ta' l-ammont globali tat-tnaqqis mogħti taħt il-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG.

59 Fil-fatt, il-miżati ta' l-iskola mitluba mill-iskejjel privati li jaqgħu taħt il-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG huma ffissati f'livell mhux għoli ħafna sabiex tiġi evitata distinzjoni bejn l-istudenti skond is-sitwazzjoni finanzjarja tal-ġenituri tagħhom, b'tali mod li l-ammont ta' l-għajnuna indiretta mogħtija mill-Istat lil dawn l-iskejjel, fil-forma ta' tnaqqis ta' l-ispejjeż speċjali sostnuti mill-ġenituri ta' l-istudenti, huwa wieħed modest. Dan ma jkunx il-każ fir-rigward ta' skola bħall-Cademuir School li l-miżati ta' l-iskola tagħha huma konsiderevolement aktar għolja minn dawk mitluba mill-iskejjel imsemmija.

60 F'dan ir-rigward il-Gvern Ġermaniż ifakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Marzu 2005, Bidar (C-209/03, Ġabra p. I-2119, punt 56) iddeċidiet

li l-Istat Membru jista' jassigura li l-għoti ta' għajnuna intiża sabiex tkopri l-ispejjeż ta' manteniment ta' studenti minn Stati Membri oħra ma ssirx piż irraġonevoli li jista' jkollu konsegwenzi fuq il-livell globali ta' għajnuna li tkun tista' tingħata minn dan l-Istat. Bl-itess mod, għandu jkun leġittimu għal Stat Membru li jorbot l-għoti ta' għajnuna fiskali ma' kriterji li permezz tagħhom ikun jista' jiġi evitat li dan il-vantaġġ jaqa' f'livell taħt dak li l-Istat Membru jikkunsidra bħala neċessarju.

61 Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-leġiżlazzjoni in kwistjoni fil-kawża prinċipali tikser il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Skondha, il-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG ma jistabbilixxix kriterji oġġettivi li permezz tagħhom jista' jiġi ddeterminat liema tipi ta' miżati ta' l-iskola mitluba mill-iskejjel Ġermaniżi u barranin jistgħu jkunu s-suġġett ta' tnaqqis. Skond din id-dispożizzjoni, il-miżati ta' l-iskola jistgħu jitnaqqsu biss jekk l-iskola privata kkonċernata tkun approvata jew rikonoxxuta fil-Ġermanja b'tali mod li l-kundizzjoni li tiddetermina jekk dawn il-miżati jistgħux jitnaqqsu hija marbuta mal-fatt li l-iskola hija stabbilita fit-territorju ta' dan l-Istat Membru. Il-miżati ta' l-iskola mħallsa lil kull skola privata li tinsab fi Stat Membru ieħor huma awtomatikament eżklużi mit-tnaqqis fiskali, irrispettivament mill-ammont tagħhom. Peress li ebda waħda minn dawn l-iskejjel privati ma' tista' tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG, ma tistax issir distinzjoni bejn dawn l-iskejjel skond jekk humiex komparabbli jew le, b'mod teoretiku, ma' l-iskejjel Ġermaniżi.

62 Skond il-Kummissjoni, l-iskejjel żvantaġġjati mis-sistema prevista fil-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG jinkludu minn ta' l-anqas dawk li huma ffinanzjati esklużivament mill-miżati ta' l-iskola mitluba minnhom u mill-attivitajiet ekonomiċi l-oħra tagħhom, u li għalhekk jipprovdu, mingħajr ebda dubju, servizzi bi ħlas. Id-diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom hija, minn ta' l-anqas, ostaklu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita mill-Artikolu 49 KE.

63 Fil-fehma tal-Kummissjoni ma teżistix raġuni li tista' tiġġustifika dan il-ksur ta' l-Artikolu 49 KE minħabba li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tista', taħt id-dritt Komunitarju, tillimita t-tnaqqis tal-miżati ta' l-iskola għal ċerti tipi ta' skejjel jew għal

ċerti ammonti bil-kundizzjoni iżda li dan it-tnaqqis jiddependi fuq kriterji oġġettivi u jkun indipendenti mill-post fejn hija stabbilita l-iskola. Hija tqis li dan il-ksur huwa aktar u aktar gravi peress li t-tixrid tal-lingwi ta' l-Istati Membri u l-inkoraġġiment tal-mobilità fost l-istudenti jagħmlu parti mill-għanijiet tal-Komunità msemmija b'mod espliċitu fl-ewwel u fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 149(2) KE.

Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

64 Leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru bħal dik li tirriżulta mill-punt 9 ta' l-Artikolu 10 (1) ta' l-EStG tissuġġetta l-għoti ta' tnaqqis fiskali għall-kundizzjoni li l-miżati ta' l-iskola jkunu tħallsu lil skejjel privati approvati minn dan l-Istat Membru, awtorizzati jew rikonoxxuti mil-leġiżlazzjoni tal-Land applikabbli, kundizzjoni li minnha nfisha diġà tassumi li dawn l-iskejjel ikunu stabbiliti f'dan l-Istat Membru.

65 Din il-leġiżlazzjoni teskludi b'mod ġenerali l-possibbiltà, għal persuni taxxabbli suġġetti għat-taxxa fil-Ġermanja, li jnaqqsu mid-dħul taxxabbli tagħhom parti mill-miżati ta' l-iskola marbuta ma' l-attendenza tat-tfal tagħhom fi skola privata li tinsab fi Stat Membru ieħor filwaqt li din il-possibbiltà teżisti fir-rigward tal-miżati ta' l-iskola mħallsa lil ċerti skejjel privati Ġermaniżi. Għalhekk, din il-leġiżlazzjoni toħloq piż fiskali akbar għal dawn il-persuni taxxabbli meta, bħalma għamlu l-konjuġi Schwarz, jibagħtu lit-tfal tagħhom fi skola privata li tinsab fi Stat Membru ieħor u mhux fi skola privata stabbilita fit-territorju nazzjonali.

66 Leġiżlazzjoni bħal dik li tirriżulta mill-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG għandha l-effett li tiskoraġġixxi l-persuni taxxabbli residenti fil-Ġermanja milli jibagħtu t-tfal tagħhom fi skejjel stabbiliti fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, hija tostakola wkoll l-offerta ta' tagħlim minn stabbilimenti ta' tagħlim privati stabbiliti fi Stati Membri oħra lil tfal ta' persuni taxxabbli residenti fil-Ġermanja.

67 Leġiżlazzjoni bħal din tikkostitwixxi ostaklu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita mill-Artikolu 49 KE. Fil-fatt, dan l-artikolu jipprekludi l-applikazzjoni ta' kull leġiżlazzjoni nazzjonali li jkollha bħala effett li tirrendi l-provvista ta' servizzi bejn Stati Membri aktar diffiċli mill-provvista ta' servizzi purament interna fi Stat Membru (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' April 1998, Safir, C-118/96, Ġabra p. I-1897, punt 23; Smits u Peerbooms, iċċitata aktar 'il fuq, punt 61; Danner, iċċitata aktar 'il fuq, punt 29; ta' l-4 ta' Marzu 2004, Il-Kummissjoni vs Franza, C-334/02, Ġabra p. I-2229, punt 23; Watts, iċċitata aktar 'il fuq, punt 94, u tad-19 ta' April 2007, Stamatelaki, C-444/05, Ġabra p. I-3185, punt 25).

68 Skond il-Gvern Ġermaniż, eventwali ostaklu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi huwa ġġustifikat, fl-ewwel lok, mill-fatt li mill-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma jistax jirriżulta obbligu li t-trattament fiskali privileġġjat mogħti lil ċerti skejjel li jagħmlu parti mis-sistema edukattiva ta' Stat Membru jiġi estiż għal dawk li jiddependu minn Stat Membru ieħor.

69 F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar li l-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG jikkonċerna t-trattament fiskali ta' miżati ta' l-iskola. Skond ġurisprudenza stabbilita, għalkemm it-tassazzjoni diretta taqa' fil-kompetenza ta' l-Istati Membri, dawn ta' l-aħħar għandhom, madankollu, jeżerċitaw din il-kompetenza filwaqt li josservaw id-dritt Komunitarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Danner, iċċitata aktar 'il fuq, punt 28; tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, C-374/04, Ġabra p. I-11673, punt 36, u tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation, C-524/04, Ġabra p. I-2107, punt 25).

70 Bl-istess mod, għalkemm huwa paċifiku li d-dritt Komunitarju ma jippreġudikax il-kompetenza ta' l-Istati Membri fir-rigward, minn naħa, tal-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni tas-sistema edukattiva kif ukoll id-diversità kulturali u lingwistika tagħhom (Artikolu 149(1) KE) u, min-naħa l-oħra, tal-kontenut u ta' l-organizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali (Artikolu 150(1) KE), xorta waħda jibqa' l-fatt li, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-dritt Komunitarju, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi (ara, bħala analoġija, is-sentenza Watts, iċċitata aktar 'il fuq, punti 92 u 147).

71 Barra minn hekk, fir-rigward ta' l-argument tal-Gvern Ġermaniż li Stat Membru ma jistax jiġi obbligat jissussidja skejjel li jagħmlu parti mis-sistema edukattiva ta' Stat Membru ieħor, huwa biżżejjed jekk jiġi kkonstatat li l-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG ma jipprovdix għall-għoti ta' sussidju dirett mill-Istat Ġermaniż lill-iskejjel ikkonċernati iżda l-għoti ta' vantaġġ fiskali lill-ġenituri fir-rigward tal-miżati ta' l-iskola mħallsa għat-tfal tagħhom.

72 Fir-rigward ta' l-argument ta' l-istess Gvern li r-rifjut li l-vantaġġ fiskali previst fil-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG jiġi estiż għall-miżati ta' l-iskola mħallsa lill-iskejjel privati stabbiliti fi Stat Membru ieħor huwa ġġustifikat mill-fatt li l-iskejjel Ġermaniżi li jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni u l-iskejjel privati stabbiliti fi Stat Membru ieħor, bħalma hija l-Cademuir School, mhumiex f'sitwazzjoni oġġettivament komparabbli, għandu jiġi osservat li d-dispożizzjoni msemmija tissuġġetta t-tnaqqis ta' parti mill-miżati ta' l-iskejjel għall-approvazzjoni, l-awtorizzazzjoni jew ir-rikonoxximent, fil-Ġermanja, ta' l-iskola privata kkonċernata, mingħajr ma tistabbilixxi kriterju oġġettiv li permezz tiegħu jkun jista' jiġi ddeterminat liema tipi ta' miżati ta' l-iskola mitluba mill-iskejjel Ġermaniżi jistgħu jitnaqqsu.

73 Minn dan jirriżulta li kull skola privata stabbilita fi Stat Membru ieħor minbarra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, minħabba s-sempliċi fatt li mhijiex stabbilita fil-Ġermanja, hija awtomatikament eskluża mill-vantaġġ fiskali in kwistjoni fil-kawża prinċipali, irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk tissodisfax jew le kriterji bħall-impożizzjoni ta' miżati ta' l-iskola li l-ammont tagħhom ma jippermettix li ssir distinzjoni bejn l-istudenti abbażi tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-ġenituri tagħhom.

74 Sabiex jiġġustifika l-ostaklu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kkostitwit mill-leġiżlazzjoni in kwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Gvern Ġermaniż isostni wkoll, billi jirreferi għas-sentenza Bidar, iċċitata aktar 'il fuq, li huwa leġittimu għal Stat Membru li jorbot l-għoti ta' għajnuna jew ta' vantaġġ fiskali ma' kriterji intiżi sabiex jiġi evitat li dawn l-għajnuniet jew vantaġġi jaqgħu għal livell taħt dak li l-Istat Membru jikkunsidra bħala neċessarju.

75 Skond dan il-gvern, l-argumenti żviluppati fl-imsemmija sentenza, dwar l-għoti ta' għajnuna intiża sabiex tkopri l-ispejjeż ta' manteniment ta' studenti u dwar il-moviment liberu ta' ċittadini ta' l-Unjoni, għandhom jitqiegħdu f'kuntest ġenerali, fis-sens li, fil-każ li l-fondi pubbliċi jkunu limitati, l-estensjoni tal-benefiċċju ta' tnaqqis fiskali jimplika neċessarjament li l-ammont tat-tnaqqis individwali mogħti lill-persuni kkonċernati jkun iżgħar sabiex tkun assigurata operazzjoni fiskalment newtrali. Il-Gvern Ġermaniż isostni, f'dan ir-rigward, li mill-estensjoni ta' l-applikazzjoni tal-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG għall-ħlas ta' miżati ta' l-iskola lil ċerti skejjel li jinsabu fi Stat Membru ieħor tirriżulta f'piżijiet addizzjonali għall-bagit ta' l-Istat.

76 Madankollu, dan l-argument ma jistax jintlaqa' għar-raġunijiet segwenti.

77 L-ewwel nett, skond ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prevenzjoni ta' tnaqqis fid-dħul mit-taxxa mhijiex waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 46 KE, moqri flimkien ma' l-Artikolu 55 KE, u lanqas ma tista' tiġi kkunsidrata bħala raġuni imperattiva ta' interess ġenerali.

78 It-tieni nett, fir-rigward ta' l-argument tal-Gvern Ġermaniż li kull Stat Membru huwa liberu li jassigura li l-għoti ta' għajnuna fil-konfront tal-miżati ta' l-iskola ma jsirx piż irraġonevoli li jista' jkollu konsegwenzi fuq il-livell globali ta' l-għajnuna li tkun tista' tingħata minn dan l-Istat, mill-indizji mogħtija minn dan il-gvern jirriżulta li l-piż finanzjarju eċċessiv li tinvolvi, skondu, l-estensjoni tat-tnaqqis fiskali għall-miżati ta' l-iskola mħallsa lil ċerti skejjel li jinsabu fi Stat Membru ieħor tirriżulta mill-fatt li l-għajnuna mogħtija indirettament għal dawn l-iskejjel tkun ta' ammont ħafna aktar għoli minn dik mogħtija lill-istabbilimenti ta' edukazzjoni approvati, awtorizzati jew rikonoxxuti fil-Ġermanja peress li dawn l-iskejjel stabbiliti fi Stat Membru ieħor ikollhom jiffinanzjaw lilhom infushom permezz ta' miżati ta' l-iskola għoljin.

79 Anki jekk jitqies li raġunament identiku għal dak adottat fis-sentenza Bidar, iċċitata aktar 'il fuq, japplika għal sitwazzjoni bħal dik li wasslet għall-kwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkonċerna vantaġġ fiskali relatat ma' miżati ta' l-iskola, għandu jiġi osservat li, kif sostniet il-Kummissjoni, l-għan tar-rifjut li jingħata t-tnaqqis fiskali in kwistjoni fil-kawża prinċipali fir-rigward tal-miżati ta' l-iskola mħallsa lil skejjel stabbiliti fi Stat Membru ieħor, jiġifieri l-għan li jiġi assigurat li l-ispejjeż tal-funzjonament ta' l-iskejjel privati jkunu koperti mingħajr ma jirriżulta piż irraġonevoli għall-Istat, skond l-analiżi adottata fis-sentenza Bidar, iċċitata aktar 'il fuq, jista' jintlaħaq b'mezzi inqas restrittivi.

80 Fil-fatt, kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tagħha, sabiex ikun evitat piż finanzjarju eċċessiv, Stat Membru jista' jillimita l-ammont li jista' jitnaqqas mill-miżati ta' l-iskola għal ammont partikolari, li jikkorrispondi mat-tnaqqis fiskali mogħti minn dan l-Istat, fid-dawl ta' ċerti valuri li huma partikolari għalih, fir-rigward ta' l-attendenza fi skejjel li jinsabu fit-territorju tiegħu, possibbiltà din li hija mezz inqas restrittiv mir-rifjut li jingħata t-tnaqqis fiskali in kwistjoni.

81 Fi kwalunkwe każ, jidher li huwa sproporzjonat li l-miżati ta' l-iskola mħallsa mill-persuni taxxabbli suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul fil-Ġermanja lil skejjel stabbiliti fi Stati Membru ieħor minbarra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja jiġu eskluży totalment mit-tnaqqis fiskali previst fil-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG. Fil-fatt, b'dan il-mod jiġu eskluży mit-tnaqqis fiskali in kwistjoni l-miżati ta' l-iskola mħallsa mill-imsemmija persuni taxxabbli lil skejjel stabbiliti fi Stat Membru ieħor indipendentament mill-kwistjoni jekk dawn l-iskejjel jissodisfawx kriterji oġġettivi stabbiliti abbażi ta' prinċipji partikolari għal kull Stat Membru li permezz tagħhom ikun jista' jiġi determinat liema tipi ta' miżati ta' l-iskola huma intitolati għat-tnaqqis fiskali msemmi.

82 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta lill-qorti tar-rinviju għandha tkun li, meta l-persuni taxxabbli fi Stat Membru jibagħtu lit-tfal tagħhom fi skola li tinsab fi Stat Membru ieħor u li l-finanzjament tagħha jkun assigurat essenzjalment minn fondi privati, l-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi

leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi l-possibbiltà, għall-persuni taxxabbli, li jinvokaw, bħala spejjeż speċjali intitolati għal tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul, il-miżati ta' l-iskola mħallsa lil ċerti skejjel privati stabbiliti fit-territorju nazzjonali iżda teskludi b'mod ġenerali din il-possibbiltà fir-rigward ta' miżati ta' l-iskola mħallsa lil skola privata stabbilita fi Stat Membru ieħor.

Fuq l-eżistenza ta' ostaklu għall-moviment liberu taċ-ċittadini ta' l-Unjoni

83 Kif jirriżulta mill-punti 35 u 47 ta' din is-sentenza, safejn il-qorti tar-rinviju tista' tikkonkludi li l-Artikolu 49 KE ma japplikax għall-fatti fil-kawża prinċipali, jaqbel li leġiżlazzjoni bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali tiġi eżaminata fid-dawl ta' l-Artikolu 18 KE.

Osservazzjonijiet ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja

84 Skond il-Gvern Ġermaniż, l-Artikolu 18 KE ma jipprekludix leġiżlazzjoni bħad-dispożizzjoni li tinsab fil-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG.

85 Il-Kummissjoni ssostni, fl-eventwalità li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikolu 49 KE ma japplikax, li din il-leġiżlazzjoni tippreġudika d-drittijiet mogħtija lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali mid-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 12 KE u ta' l-Artikolu 18(1) KE, ikkunsidrati flimkien.

Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

86 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-istatus ta' ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea huwa intiż sabiex ikun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri sabiex dawk fost dawn iċ-ċittadini li jkunu fl-istess sitwazzjoni jkunu jistgħu jiksbu, fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tat-Trattat KE, indipendentament min-nazzjonalità tagħhom u bla ħsara għall-eċċezzjonijiet espressament previsti f'dan ir-rigward, l-istess trattament ġuridiku (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ta' l-20 ta' Settembru 2001, Grzelczyk, C-184/99, Ġabra p. I-6193, punt 31; tal-11 ta' Lulju 2002, D'Hoop, C-224/98, Ġabra p. I-6191, punt 28; tat-2 ta' Ottubru 2003, Garcia Avello, C-148/02, Ġabra p. I-11613, punti 22 u 23, kif ukoll tad-29 ta' April 2004, Pusa, C-224/02, Ġabra p. I-5763, punt 16).

87 Fost is-sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju hemm dawk li jirrigwardaw l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat KE, b'mod partikolari, dawk li jirrigwardaw il-moviment liberu u l-libertà ta' residenza fit-territorju ta' l-Istati Membri kif stabbiliti mill-Artikolu 18 KE (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Grzelczyk, punt 33; D'Hoop, punt 29; Garcia Avello, punt 24, u Pusa, punt 17).

88 Safejn ċittadin ta' l-Unjoni għandu jirċievi fl-Istati Membri kollha l-istess trattament ġuridiku bħal dak mogħti liċ-ċittadini ta' dawn l-Istati Membri li jinsabu fl-istess sitwazzjoni, ikun inkompatibbli mad-dritt tal-moviment liberu li ċ-ċittadin jirċievi, fl-Istat Membru li tiegħu huwa ċittadin, trattament anqas favorevoli minn dak li kien jibbenefika minnu li kieku ma għamilx użu mill-opportunitajiet mogħtija lilu mit-Trattat KE f'dak li jirrigwarda l-moviment liberu (sentenzi ċċitati aktar 'il fuq D'Hoop, punt 30, u Pusa, punt 18).

89 Dawn l-opportunitajiet ma jkunux jistgħu jipproduċu effettivament l-effetti sħaħ tagħhom jekk ċittadin ta' Stat Membru jista' jiġi dissważ milli jagħmel użu minnhom

minn ostakoli magħmula fil-konfront tar-residenza tiegħu fl-Istat Membru ospitanti minn leġiżlazzjoni ta' l-Istat ta' oriġini tiegħu li tippenalizza l-fatt li huwa eżerċithom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Lulju 1992, Singh, C-370/90, Ġabra p. I-4265, punt 23; D'Hoop, iċċitata aktar 'il fuq, punt 31; Pusa, iċċitata aktar 'il fuq, punt 19, u tat-18 ta' Lulju 2006, De Cuyper, C-406/04, Ġabra p. I-6947, punt 39).

90 It-tfal tal-konjuġi Schwarz, bl-attendenza tagħhom fi stabbiliment ta' edukazzjoni li jinsab fi Stat Membru ieħor, eżerċitaw id-dritt ta' moviment liberu tagħhom. Fil-fatt, mis-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2004, Zhu et Chen (C-200/02, Ġabra p. I-9925, punt 20) jirriżulta li wild, anke ta' età żgħira, jista' jeżerċita d-drittijiet ta' moviment liberu u ta' residenza ggarantiti mid-dritt Komunitarju.

91 Leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali tintroduċi trattament differenti bejn il-persuni taxxabbli suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul fil-Ġermanja li bagħtu lit-tfal tagħhom fi skola li tinsab fil-Ġermanja u dawk li bagħtu t-tfal tagħhom fi skola stabbilita fi Stat Membru ieħor.

92 Safejn torbot l-għoti ta' tnaqqis fiskali previst fir-rigward tal-miżati ta' l-iskejjel mal-kundizzjoni li dawn il-miżati jkunu tħallsu lil skola privata li tissodisfa ċerti kundizzjonijiet fil-Ġermanja u twassal sabiex dan it-tnaqqis jiġi rrifjutat lill-persuni taxxabbli suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul f'dan l-Istat membru minħabba li huma bagħtu lit-tfal tagħhom sabiex jistudjaw fi Stat Membru ieħor, il-leġiżlazzjoni nazzjonali in kwistjoni fil-kawża prinċipali tqiegħed fi żvantaġġ it-tfal ta' ċittadini nazzjonali minħabba s-sempliċi fatt li huma eżerċitaw id-dritt għal moviment liberu tagħhom billi marru fi Stat Memru ieħor sabiex jistudjaw fi skola hemmhekk.

93 Issa, leġiżlazzjoni nazzjonali li tpoġġi fi żvantaġġ ċerti ċittadini nazzjonali minħabba s-sempliċi fatt li eżerċitaw id-dritt tagħhom għal moviment liberu u għal residenza fi

Stat Membru ieħor tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertajiet mogħtija mill-Artikolu 18(1) KE lil kull ċittadin ta' l-Unjoni (sentenzi De Cuyper, iċċitata aktar 'il fuq, punt 39, kif ukoll tas-26 ta' Ottubru 2006, Tas-Hagen u Tas, C-192/05, Ġabra p. I-10451, punt 31).

94 Restrizzjoni bħal din ma tistax tiġi ġġustifikata fid-dawl tad-dritt Komunitarju ħlief jekk hija bbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi indipendenti min-nazzjonalità tal-persuni kkonċernati u jekk hija proporzjonali ma' l-iskop leġittimu tad-dritt nazzjonali (sentenzi ċċitati aktar 'il fuq, D'Hoop, punt 36; De Cuyper, punt 40, kif ukoll Tas-Hagen u Tas, punt 33).

95 Għandu jiġi osservat li, sabiex jipprova jiġġustifika eventwali restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Gvern Ġermaniż ressaq l-argumenti esposti fil-punti 58 sa 60 ta' din is-sentenza li jirreferu għall-analiżi adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Bidar, iċċitata aktar 'il fuq, dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 18 KE.

96 Fil-punt 56 tas-sentenza Bidar, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kull Stat Membru jista' jassigura li l-għoti ta' għajnuna intiża sabiex tkopri l-ispejjeż ta' manteniment ta' studenti minn Stati Membri oħra ma ssirx piż irraġonevoli li jista' jkollu konsegwenzi fuq il-livell globali ta' għajnuna li tkun tista' tingħata minn dan l-Istat.

97 Madankollu, anki jekk jitqies li raġunament identiku japplika f'sitwazzjoni bħal dik li wasslet għall-kwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkonċerna vantaġġ fiskali marbut ma' miżati ta' l-iskola, jibqa' l-fatt li leġiżlazzjoni bħall-punt 9 ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-EStG tidher, f'kull każ, li hija sproporzjonata meta mqabbla ma' l-għanijiet tagħha, għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punt 81 ta' din is-sentenza, fil-kuntest ta' l-eżami ta' din il-leġiżlazzjoni fid-dawl tal-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

98 Minn dan jirriżulta li, meta t-tfal ta' persuni taxxabbli fi Stat Membru jattendu skola fi Stat Membru ieħor li s-servizzi mogħtija minnha mhumiex koperti mill-Artikolu 49 KE, leġiżlazzjoni bħall-punt 9 ta' l-Artikou 10(1) ta' l-EStG għandha bħala effett li tqiegħed fi żvantaġġ, b'mod mhux ġustifikat, lil dawn it-tfal meta mqabbla ma' dawk li ma eżerċitawx il-libertà ta' moviment tagħhom billi jmorru jistudjaw fi skola stabbilita fi Stat Membru ieħor u tippreġudika d-drittijiet mogħtija lilhom mill-Artikolu 18(1) KE.

99 Għaldaqstant, ir-risposta lill-qorti tar-rinviju għandha tkun li, meta l-persuni taxxabbli fi Stat Membru jibagħtu lit-tfal tagħhom sabiex jistudjaw fi skola stabbilita fi Stat Membru ieħor li s-servizzi tagħha mhumiex koperti mill-Artikolu 49 KE, l-Artikolu 18 KE jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi l-possibbiltà, għall-persuni taxxabbli, li jinvokaw, bħala spejjeż speċjali intitolati għal tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul, il-miżati ta' l-iskola mħallsa lil ċerti skejjel stabbiliti fit-territorju nazzjonali iżda teskludi b'mod ġenerali din il-possibbiltà fir-rigward ta' miżati ta' l-iskola mħallsa lil skola stabbilita fi Stat Membru ieħor.

Fuq l-ispejjeż

100 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Meta l-persuni taxxabbli fi Stat Membru jibagħtu lit-tfal tagħhom fi skola li tinsab fi Stat Membru ieħor u li l-finanzjament tagħha jkun assigurat essenzjalment minn fondi privati, l-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi l-possibbiltà, għall-persuni taxxabbli, li jinvokaw, bħala spejjeż speċjali intitolati għal tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul, il-miżati ta' l-iskola mħallsa lil ċerti skejjel privati stabbiliti fit-territorju nazzjonali iżda teskludi b'mod ġenerali din il-possibbiltà fir-rigward ta' miżati ta' l-iskola mħallsa lil skola privata stabbilita fi Stat Membru ieħor.**

2) **Meta l-persuni taxxabbli fi Stat Membru jibagħtu lit-tfal tagħhom sabiex jistudjaw fi skola stabbilita fi Stat Membru ieħor li s-servizzi tagħha mhumiex koperti mill-Artikolu 49 KE, l-Artikolu 18 KE jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi l-possibbiltà, għall-persuni taxxabbli, li jinvokaw, bħala spejjeż speċjali intitolati għal tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul, il-miżati ta' l-iskola mħallsa lil ċerti skejjel stabbiliti fit-territorju nazzjonali iżda teskludi b'mod ġenerali din il-possibbiltà fir-rigward ta' miżati ta' l-iskola mħallsa lil skola stabbilita fi Stat Membru ieħor.**

Firem